MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1569/2003

**Charles Grima
vs**

**Spiridione Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00), in kwantu ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm150) bhala prezz ta' bejgh ta' vettura numru BAV-506 u in kwantu ghal tletin lira (Lm30) bhala bilanc minn somma akbar import ta' kambjala ffirmata, accettata u dovuta mill-konvenut li skadiet fit-30 ta' Dicembru, 2000.**
**Oltre is-sorte, il-konvenut ghandu jhallas spejjez ta' konsulti fl-ammont ta' ghaxar liri (Lm10), l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-2 ta' April, 2003 flimkien mal-imghax legali b'effett mit-2 ta' April 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Settembru, 2003 fejn intqal illi l-konvenut jichad il-pretensjonijiet tal-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante hlas ghas-saldu.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.**
**Ra n-nota ta' eccezjonijiet ulterjuri prezentata fid-19 ta' April, 2004, fejn giet eccepita n-nullita tal-azzjoni stante li hija bbazata fuq kambjali li m'humiex iffirmati mid-drawer u ghalhekk huma nulli ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Ra d-digriet tal-14 ta' Dicembru, 2004 li bih it-Tribunal, wara li ra r-rikors tal-14 ta' Dicembru, 2004 prezentat mill-attur, ra s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (John Giordmaina et vs Joseph Pace et per Onor. Mallia T. deciza 16.01.2003) annessa mar-rikors, laqgha t-talba u akkorda lill-attur l-fakulta' li jirtira l-kambjala esebita (l-original), sabiex jiffirmaha u jerga jipprezentaha.**

**Semgha x-xhieda ta' Spiridione Azzopardi u ta' Charles Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob il-hlas ta' bilanc ta' bejgh ta' vettura bin-numru BAV 506 kif ukoll tletin lira (Lm30.00) bilanc minn import ta' kambjala ffirmata.**
**2. Jirrizulta illi l-attur kien biegh il-vettura Mercedes lill-konvenut u sussegwentement kien bidillu din il-karozza ma' Lancia Prisma u l-konvenut zied mija u hamsin lira (Lm150.00). Din id-differenza ghadha dovuta lill-attur. Kienet saret kambjala fir-rigward Dok CG 2.**
**3. Dwar il-kambjalijiet mid-Dok CG 1 jirrizulta li fadal bilanc ta' tletin lira (Lm30.00) fuq l-imsemmija kambjala.**
**4. Azzopardi qed jaqbel li hu kien xtara Mercedes u sussegwentement hu jghid li xtara vettura tal-marka Rover minghand l-attur. Il-konvenut jallega li meta**

**kien imur jaghtih il-pagament l-attur kien iqatta' l-kambjali quddiemu.**

**5. It-Tribunal jinnota illi kien jispetta lill-konvenut illi jzomm kwalunke kambjalijiet li setghu hargu bhala prova tal-pagament. Ma jirrizultax dak li qed jallega l-konvenut illi sar hlas ghas-saldu. Ma hemm ebda korrispondenza illi tindika dan u minflok ghad hemm il-kambjala Dok CG 1 u Dok CG 2 li juru mod iehor.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmenin lira (Lm180.00). Bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' April, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' April, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------